# KUMITAT KONSULTATTIV DWAR IL-KONDOTTA TAL-MEMBRI

# RAPPORT ANNWALI 2019
# L-EWWEL NOFS

# DAĦLA

Skont l-Artikolu 7(6) tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament fir-rigward tal-Interessi Finanzjarji u l-Konflitti ta' Interessi (l-Anness I għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew); minn hawn 'il quddiem: (Kodiċi ta' Kondotta), il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri (minn hawn 'il quddiem: il-Kumitat Konsultattiv) jippubblika rapport annwali dwar il-ħidma tiegħu.

Ir-Rapport Annwali għall-2019 - l-Ewwel Nofs ikopri l-ħidma tal-Kumitat Konsultattiv mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' Lulju 2019 u ġie adottat mill-Kumitat fl-20 ta' Marzu 2019.

## Werrej


**1. Kuntest**

**2. Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri**

2.1 Kompożizzjoni

2.2 President

2.3 Laqgħat fl-2019 - l-ewwel nofs

2.4 Kompiti

2.5 Ħidma mwettqa

2.6 Rakkomandazzjonijiet qabel it-terminu leġiżlattiv li jmiss

**3. Attivitajiet Relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta**

3.1 Preżentazzjoni u aġġornament tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

3.2 Proċedura ta' monitoraġġ tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

**4. Amministrazzjoni**

Sommarju

Dan ir-rapport jiġbor l-attivitajiet tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Lulju 2019.

Il-Kumitat kien mitlub jeżamina żewġ każijiet ta' ksur possibbli tal-Kodiċi ta' Kondotta li kienu jinvolvu total ta' ħames Membri.

Għall-ewwel nofs tal-2019, il-Kumitat Konsultattiv irċieva talba minn Membru li kien qed ifittex gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Kumitat ta l-parir tiegħu b'mod kunfidenzjali u fi żmien l-iskadenza prevista mill-Kodiċi ta' Kondotta.

Il-Kumitat Konsultattiv kompla japplika l-ogħla standards ta' etika u trasparenza għas-servizz tal-Membri u tal-Istituzzjoni, billi jiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta jiġu rispettati bl-akbar reqqa.

Il-Kumitat ikkunsidra partikolarment importanti li titqajjem kuxjenza fost il-Membri dwar l-obbligi ta' dikjarazzjoni tagħhom u d-dmir tagħhom li jiġu ggwidati minn u li josservaw il-prinċipji ġenerali ta' kondotta fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom u ħareġ għadd ta' rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rapport intenzjonati għall-Parlament il-ġdid.

Bi qbil mal-Artikolu 9 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-Kodiċi ta' Kondotta, is-servizz amministrattiv kompetenti (l-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza, li tipprovdi s-Segretarjat tal-Kumitat Konsultattiv) kompla jissottoponi d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji kollha tal-Membri għal kontroll ġenerali ta' kredibbiltà mressqa mill-Membri matul dan il-perjodu.

Ġew imressqa total ta' 4 dikjarazzjonijiet ġodda ta' interessi finanzjarji mill-Membri l-ġodda matul l-ewwel nofs tas-sena u ġew aġġornati 26 dikjarazzjoni. Ġew ippubblikati 43 dikjarazzjoni ta' attendenza.

## 1 SFOND

Il-kodiċi dwar il-Kondotta tal-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-Interessi Finanzjarji u tal-Konflitti ta' Interessi jistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida tal-Kondotta u tad-dmirijiet ewlenin tal-Membri meta jeżerċitaw il-mandati tagħhom. Il-Membri għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku biss u m'għandhom jaċċettaw l-ebda benefiċċju finanzjarju dirett jew indirett jew kumpens ieħor.

Skont l-Artikolu 2(c) tal-Kodiċi ta' Kondotta – introdott fl-2017 – il-Membri m'għandhomx jinvolvu ruħhom f'lobbying professjonali mħallas li jkun marbut direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni. L-Artikolu 6 tal-Kodiċi ta' Kondotta jipprevedi restrizzjonijiet relatati mal-kondizzjonijiet li fihom l-ex Membri għandhom id-dritt jeżerċitaw attivitajiet ta' lobbying jew ta' rappreżentanza.

Il-Kodiċi ta' Kondotta jipprovdi definizzjoni ta' "konflitt ta' interess" (interess personali li jista' jinfluwenza b'mod mhux xieraq it-twettiq tad-dmirijiet ta' Membru) u jistabbilixxi l-passi meħtieġa biex jiġi indirizzat. Hu biss jekk il-Membru ma jkunx jista' jsolvi l-konflitt ta' interess attwali jew potenzjali, li huwa għandu jirrapporta bil-miktub lill-President. Meta tali konflitt ma jkunx evidenti mid-Dikjarazzjoni tal-Interessi Finanzjarji tagħhom, il-Membri għandhom jiżvelaw dan ukoll bil-miktub jew oralment qabel ma jieħdu l-kelma jew jivvutaw b'rabta ma' dik il-kwistjoni.

Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Kondotta fih regoli dettaljati rigward id-Dikjarazzjoni tal-Interessi Finanzjarji. Il-Membri huma personalment responsabbli biex jissottomettu dikjarazzjoni bħal din li jkun fiha l-informazzjoni obbligatorja meħtieġa b'mod preċiż (eż. ix-xogħol, l-attivitajiet, is-sħubijiet għat-tliet snin qabel ma jsiru Membri tal-Parlament Ewropew u fil-preżent, holdings, appoġġ riċevut u kategorija rispettiva ta' dħul). Il-Membri huma liberi li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali. Id-dikjarazzjoni inizjali ssir qabel tmiem l-ewwel seduta plenarja wara l-elezzjonijiet Ewropej jew sa 30 jum minn meta jieħdu l-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew jekk dan iseħħ matul il-leġiżlatura parlamentari. Jekk isseħħ xi bidla, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni riveduta sa tmiem ix-xahar ta' wara. Membru ma jistax jiġi elett għal kariga fil-Parlament jew fil-korpi tiegħu, maħtur bħala rapporteur, jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali, jekk ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tiegħu.

L-obbligi ta' dikjarazzjoni tal-Membri ġew estiżi permezz tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Skont id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi, il-Membri huma obbligati jiddikjaraw immedjatament l-avvenimenti organizzati minn persuni jew organizzazzjonijiet barra d-delegazzjoni uffiċjali tal-PE li għalihom jattendu, jekk l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u ta' sussistenza jkunu ġew rimborżati jew imħallsa direttament minn partijiet terzi (minbarra ċerti kategoriji: l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-partiti politiċi, eċċ.).

Il-Membri għandhom l-obbligu li jinnotifikaw lill-President u jgħaddu r-rigali kollha li jirċievu meta jirrappreżentaw lill-Parlament f'kariga uffiċjali. Barra minn hekk, fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-Membri għandhom joqogħdu lura milli jaċċettaw rigali b'valur approssimattiv ta' aktar minn EUR 150.

Dawn id-dikjarazzjonijiet u r-reġistru tar-rigali uffiċjali huma direttament aċċessibbli fuq is-sit web pubbliku tal-Parlament.

L-obbligi kollha ta' dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija jirriflettu l-impenn qawwi tal-Parlament lejn it-trasparenza u l-etika. Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Kondotta jipprovdi wkoll mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet tiegħu.

Fuq talba tal-President tal-PE, il-Kumitat Konsultattiv jeżamina kwalunkwe ksur allegat tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-President tal-PE jista' jadotta deċiżjoni li tistipula sanzjoni.

## 2 IL-KUMITAT KONSULTATTIV DWAR IL-KONDOTTA TAL-MEMBRI

### 2.1 Kompożizzjoni

Il-Kumitat Konsultattiv ġie stabbilit mill-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Skont l-Artikolu 7(2) u (3) tal-Kodiċi ta' Kondotta, fil-bidu tal-mandat tiegħu, il-President jaħtar ħames Membri permanenti minn fost il-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament, b'kunsiderazzjoni għall-esperjenza tagħhom u l-bilanċ politiku.

Il-Membri permanenti tal-Kumitat Konsultattiv, maħtura mill-President fil-5 ta' April 2017, huma:

- is-Sa Danuta Maria HÜBNER (PPE, Polonja);
- is-Sa Mady DELVAUX (S&D, Lussemburgu);
- is-Sur Sajjad KARIM (ECR, Renju Unit);
- is-Sur Jean-Marie CAVADA (ALDE, Franza);
- is-Sur Jiří MAŠTÁLKA (GUE, Repubblika Ċeka).

Il-President, fil-bidu tal-mandat tiegħu, jaħtar ukoll Membru ta' riserva għal kull grupp politiku mhux rappreżentat fost il-Membri permanenti tal-Kumitat Konsultattiv. Dawn huma:

- is-Sa Heidi HAUTALA (Verts/ALE, Finlandja);
- is-Sa Laura FERRARA (EFDD, Italja);
- Is-Sur Gerolf ANNEMANS (ENF, Belġju).

### 2.2 President

Skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, tal-Kodiċi ta' Kondotta, kull Membru permanenti tal-Kumitat Konsultattiv għandu jieħu l-presidenza għal sitt xhur fuq bażi ta' rotazzjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat, din l-alternanza fil-prinċipju ssegwi l-ordni dixxendenti tal-kobor tal-gruppi politiċi li tagħhom jagħmlu parti l-Membri.

Matul l-2019, il-Membri tal-Kumitat Konsultattiv li ġejjin servew bħala President: Is-Sur CAVADA sal-aħħar ta' Marzu u s-Sur MAŠTÁLKA minn April sa tmiem Ġunju.

### 2.3 Laqgħat fl-2019

Il-Kumitat Konsultattiv iltaqa' sitt darbiet fl-ewwel nofs tal-2019.

**Kalendarju tal-Laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv fl-2019**

It-Tnejn 14 ta' Jannar[1]
It-Tlieta 22 ta' Jannar
It-Tlieta 26 ta' Frar[2]
It-Tlieta 19 ta' Marzu[3]
It-Tlieta 9 ta' April[4]
It-Tlieta 4 ta' Ġunju
Il-Ħamis13 ta' Ġunju[5]

## 2.4 Kompiti

Il-Kumitat Konsultattiv:

- Fuq talba jipprovdi gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprovdi gwida b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju. Membru li jfittex gwida mill-Kumitat għandu jkollu d-dritt iserraħ fuq tali gwida.

- Jivvaluta l-allegat ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta u jagħti parir lill-President dwar azzjoni possibbli li għandha tittieħed.

Din il-valutazzjoni sseħħ fuq talba tal-President skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Meta jkun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed jaħseb li Membru seta' kiser il-Kodiċi ta' Kondotta, il-President għandu, ħlief f'każijiet manifestament vessatorji, jinnotifika lill-Kumitat Konsultattiv b'dan. Il-Kumitat Konsultattiv għandu mbagħad jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' lill-Membru kkonċernat. Il-Kumitat jagħmel rakkomandazzjoni lill-President dwar deċiżjoni possibbli.

Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser il-Kodiċi ta' Kondotta, huwa għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena skont l-Artikolu 166 tar-Regoli ta' Proċedura.

## 2.5 Ħidma li saret matul is-sena

[1] Laqgħa straordinarja.
[2] Il-laqgħa ġiet ikkanċellata minħabba nuqqas ta' kworum.
[3] Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, il-laqgħa ġiet posposta għall-20 ta' Marzu.
[4] Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, il-laqgħa ġiet posposta għall-4 ta' April.
[5] Laqgħa straordinarja

### 2.5.1 Każijiet ta' ksur possibbli tal-Kodiċi ta' Kondotta

Fl-ewwel nofs tal-2019, il-Kumitat Konsultattiv indirizza żewġ kwistjonijiet li jikkonċernaw ksur possibbli tal-Kodiċi ta' Kondotta, li jinvolvu total ta' ħames Membri.

L-ewwel riferiment tal-President, li ntlaqa' lejn tmiem l-2018 iżda ġie eżaminat fl-2019, kien dwar każ li jinvolvi n-nuqqas min-naħa ta' erba' Membri li josservaw l-obbligi ta' dikjarazzjoni b'rabta ma' appartenenza f'organizzazzjoni mingħajr ħlas. Il-Kumitat Konsultattiv kien tal-opinjoni li n-nuqqas tal-Membri li jissottomettu dikjarazzjoni aġġornata tal-interessi finanzjarji fi ħdan l-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 4(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta tabilħaqq ikkostitwixxa ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta, iżda minħabba li d-dikjarazzjoni saret tard, l-ebda azzjoni ulterjuri ma kienet meħtieġa f'dan il-każ.

It-tieni riferiment kien relatat man-nuqqas ta' Membru li jissottometti dikjarazzjoni riveduta tal-interessi finanzjarji biex tinkludi sħubija fil-bord ta' kumpanija, holding u appoġġ riċevut bi qbil mal-Artikolu 4(2)(d) (f) u (g) tal-Kodiċi ta' Kondotta u dikjarazzjoni ta' attendenza f'avveniment organizzat minn parti terza skont l-Artikolu 5(3) tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-Kapitolu 2 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu sal-iskadenza applikabbli. Il-Kumitat Konsultattiv ikkonkluda li l-Membru wettaq ksur serju tal-Kodiċi ta' Kondotta u li l-każ kien jistħoqqlu aktar attenzjoni.

### 2.5.2 Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta

Matul dan il-perjodu, il-Kumitat Konsultattiv irċieva talba formali skont l-Artikolu 7(4), l-ewwel subparagrafu, għal gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta.

Dan il-każ kien jikkonċerna talba għal gwida dwar konflitt potenzjali ta' interess li jirriżulta minn pożizzjonijiet attwali fil-PE u l-applikazzjoni għal pożizzjoni mhux imħallsa bħala President ta' Bord ta' Diretturi ta' ċentru ta' riċerka u ta' assoċjazzjoni attiva f'qasam speċifiku għas-settur tal-kompetittività industrijali. Il-Kumitat Konsultattiv innota r-regoli applikabbli u rrakkomanda lill-Membru jew biex ma japplikax għall-pożizzjoni jew biex iċedi l-parteċipazzjoni tiegħu fil-kumitati attwali.

Barra minn hekk, matul is-sena kollha, huwa u jwieġeb għat-talbiet tagħhom, is-Segretarjat, kif imdorri jagħmel, għen lil għadd ta' Membri u assistenti parlamentari tagħhom japplikaw korrettament id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tiegħu.

### 2.5.3 L-aħjar prattika

Is-Segretarjat impenja ruħu fi skambju ta' fehmiet mal-Membri tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Proċedura, l-Immunitajiet u l-Affarijiet Istituzzjonali tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Konsolidazzjoni tal-mekkaniżmu għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-membri tal-PACE fir-rigward tal-proċedura ta' eżami u ta' trattament tal-ilmenti.

## 2.6 Rakkomandazzjonijiet ta' qabel il-mandat leġiżlattiv li jmiss

L-għan ewlieni tal-Kumitat Konsultattiv huwa li jgħin lill-Membri jissodisfaw id-dmir tagħhom li jiġu ggwidati u josservaw il-prinċipji ġenerali ta' kondotta fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom u jissodisfaw l-obbligi ta' dikjarazzjoni tagħhom.

Sabiex jitnaqqas ir-riskju li l-President fl-aħħar mill-aħħar ikollu bżonn jirrikorri għal sanzjonijiet, il-Kumitat Konsultattiv dejjem iffavorixxa approċċ proattiv lejn il-Membri u kjarifika kostanti tal-obbligi ta' dikjarazzjoni tal-Membri, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-kunfidenzjalità tiġi osservata strettament f'kull ħin.

Sa issa, meta l-ksur tal-Kodiċi ta' Kondotta jiġi rettifikat minnufih mill-Membru kkonċernat, permezz tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni xierqa, ikkompletata b'mod korrett, il-Kumitat Konsultattiv kien tal-opinjoni li ma jkun meħtieġ l-ebda segwitu ulterjuri.

Il-Kumitat Konsultattiv iħeġġeġ lill-Parlament il-ġdid biex iżomm din il-prattika.

Il-Kumitat Konsultattiv jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-Membri, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Kodiċi ta' Kondotta b'mod eżawrjenti u trasparenti. Huwa partikolarment importanti li tingħata informazzjoni (ara hawn taħt) u gwida fil-bidu tal-leġiżlatura l-ġdida.

Rigward il-kwistjoni ta' "kunflitti ta' interess", skont l-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Kumitat Konsultattiv iqis li, għalkemm hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Membri li jivvalutaw l-eżistenza ta' interessi personali u jekk dawn jistgħux jaffettwaw il-prestazzjoni tagħhom bħala Membri tal-Parlament Ewropew, ir-rekwiżiti ta' imparzjalità li għandhom jiġu ssodisfati mill-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu ċċarati u msaħħa aktar.

# 3 Attivitajiet Relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta

## 3.1 Preżentazzjoni u aġġornament tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

Skont l-Artikolu 4(1) tal-Kodiċi ta' Kondotta, Membru ġdid li jidħol fil-Parlament fil-kors tal-leġiżlatura għandu r-responsabilità personali li jippreżenta dikjarazzjoni dettaljata tal-interessi finanzjarji tiegħu, li jkun fiha informazzjoni b'mod preċiż, fi żmien tletin jum wara li jkun ħa l-kariga fil-Parlament. Fl-ewwel nofs tal-2019, il-Membri ġodda kollha ppreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tagħhom qabel ma għalaq iż-żmien stabbilit.

Apparti dan, l-Artikolu 4(1) jesiġi li Membru għandu jiddikjara kwalunkwe bidla li tinfluwenza d-dikjarazzjoni tiegħu sa tmiem ix-xahar wara li tkun seħħet din il-bidla. Bħala riżultat ta' dan l-obbligu, ġew sottomessi lill-President 26 dikjarazzjoni aġġornata matul l-ewwel nofs tas-sena.

Għall-Membri eletti għad-disa' leġiżlatura fl-elezzjonijiet li saru bejn it-23 u s-26 ta' Mejju, is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet inizjali u riveduti se tiġi rrappurtata fir-Rapport Annwali li jkopri t-tieni nofs tal-2019.

## 3.2 Proċedura ta' monitoraġġ tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri

L-Artikolu 9 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta jistipula r-regoli ta' proċedura ta' monitoraġġ li għandhom imexxu s-servizz kompetenti fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri.

Fejn ikun hemm raġuni li wieħed jaħseb li d-dikjarazzjoni jkun fiha tagħrif manifestament żbaljat, nieqes mis-serjetà, li ma jistax jinqara jew inkomprensibbli, isseħħ verifika ta' kredibbiltà ġenerali f'isem il-President mill-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza, għal skopijiet ta' kjarifika. Il-Membru kkonċernat jingħata żmien raġonevoli biex jirreaġixxi. Fil-każijiet li fihom il-kjarifiki introdotti jitqiesu insuffiċjenti, u għalhekk il-kontroll ma jsolvix il-kwistjoni, il-President jiddeċiedi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita.

Matul is-sena, il-proċedura ta' monitoraġġ tapplika b'mod ugwali kemm għal dikjarazzjonijiet ġodda ta' Membri li daħlu fil-Parlament waqt il-leġiżlatura kif ukoll għal verżjonijiet modifikati ta' dikjarazzjonijiet eżistenti.

## 4 AMMINISTRAZZJONI

L-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri fid-DĠ Presidenza tipprovdi s-servizzi ta' segretarjat lill-Kumitat Konsultattiv u nħatret mis-Segretarju Ġenerali bħala servizz kompetenti skont l-Artikoli 2, 3, 4 u 9 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Id-dettalji ta' kuntatt tagħha huma dawn li ġejjin:

Advisory.Committee@europarl.europa.eu

Parlament Ewropew
Segretarjat tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri
60, rue Wiertz
PHS 07B022
B-1047 Brussell

# L-obbligi ta' dikjarazzjoni

Għal raġunijiet ta' trasparenza u skont il-Kodiċi ta' Kondotta fir-rigward tal-interessi finanzjarji u l-kunflitti ta' interessi, u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, għandek tagħmel pubblika l-informazzjoni li ġejja:

## Dikjarazzjoni tal-Interessi finanzjarji

Il-Membri huma **personalment responsabbli** biex jissottomettu dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji li jkun fiha l-**informazzjoni obbligatorja** meħtieġa **b'mod preċiż** (eż. ix-xogħol, l-attivitajiet, is-sħubijiet għat-tliet snin qabel tkun sirt Membru tal-Parlament Ewropew u fil-preżent, holdings, appoġġ riċevut u kategorija rispettiva ta' dħul). Il-Membri huma liberi li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali.

### Meta?

**Qabel tmiem l-ewwel seduta plenarja** wara l-elezzjonijiet Ewropej (jew sa 30 jum minn meta jieħdu l-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew jekk dan iseħħ matul il-leġiżlatura parlamentari).

Jekk isseħħ **xi bidla**, trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni riveduta **sa tmiem ix-xahar ta' wara**.

### Kif?

Billi timla d-Dikjarazzjoni tiegħek direttament online fil-**Portal tal-Membri tal-PE** (jew billi tuża l-formola tal-Word).

Trid tipprintjaha u tibgħat l-**oriġinal iffirmat** lill-**Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri** (PHS 07B019 fi Brussell – jew LOW H00057 matul is-sessjonijiet ta' Strasburgu).

### Jekk le?

Membru **ma jistax jiġi elett għal kariga** fil-Parlament jew fil-korpi tiegħu, maħtur bħala **rapporteur**, jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali, jekk ma

jkunx għamel id-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tiegħu.

## Dikjarazzjoni tal-Attendenza

Jekk tattendi **avveniment organizzat minn persuni jew organizzazzjonijiet** barra delegazzjoni uffiċjali tal-PE, trid tippreżenta "Dikjarazzjoni ta' Attendenza skont stedina f'avvenimenti organizzati minn partijiet terzi" jekk:

**- l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u/jew tas-sussistenza tħallsu** jew ġew rimborżati minn oħrajn (ħlief għal ċerti kategoriji: l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-partiti politiċi, eċċ.).

### Meta?

Sa mhux aktar tard mill-**aħħar jum tax-xahar wara** l-aħħar jum ta' attendenza (eż. it-30 ta' April għal avveniment li seħħ fl-14 ta' Marzu).

### Kif?

Billi timla d-Dikjarazzjoni tiegħek direttament online fil-**Portal tal-Membri tal-PE** (jew billi tuża l-formola tal-Word), bl-**informazzjoni meħtieġa**, inkluż:

- l-identifikazzjoni ta' min ħallas;
- it-tip ta' spejjeż koperti u jekk hux b'mod sħiħ jew parzjalment;
- in-natura u l-programm tal-attività.

Trid tipprintjaha u tibgħat l-**oriġinal iffirmat** lill-**Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri** (PHS 07B019 fi Brussell – jew LOW H00057 matul is-sessjonijiet ta' Strasburgu).

## Rigali

Jekk tirċievi rigal, waqt li tkun qed **tirrappreżenta lill-Parlament f'kapaċità uffiċjali** (eż. bħala President, Viċi President, Kwestur, President jew Viċi President ta' Kumitat jew Delegazzjoni), trid **tinnotifika lill-President**, filwaqt li tispeċifika d-donatur, id-data tar-riċevuta u l-valur stmat tar-rigal.

Ir-rigal irid **jingħata** lill-Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri (PHS 07B019 fi Brussell – jew LOW H00057 matul is-sessjonijiet ta' Strasburgu) fejn se jiġi **rreġistrat**.

Meta?

Sa mhux aktar tard mill-**aħħar jum tax-xahar ta' wara** d-data tar-riċevuta tar-rigal.

Kif?

Billi tintuża l-formola tal-Word korrispondenti.

*Fit-twettiq ta' dmirijietek, tista' taċċetta biss rigali jew benefiċċji simili għal inqas minn EUR 150 mogħtija skont l-użu tal-korteżija.*

## Kunflitti ta' interessi

Jekk għandek **interess personali** li jista' **jinfluwenza b'mod mhux xieraq il-qadi ta' dmirijietek** u ma tkunx tista' tirriżolvih, trid:

- tirrapporta dan lill-President bil-miktub;

**Id-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi Finanzjarji u ta' Attendenza tiegħek se jiġu ppubblikati taħt il-profil tal-Membru tal-PE fis-sit web *Europarl*.**

- tiżvela dan qabel ma tieħu l-kelma jew tivvota.

Tista' tfittex gwida kunfidenzjali mill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta.
Jekk il-President tal-PE jikkonkludi li tkun inkisret il-Kodiċi ta' Kondotta, dan jista' jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi piena.

Għal kull diffikultà ikkuntattja lil

AdminMEP@europarl.europa.eu